MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1318/2010

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C 8692).

Vs

Isabelle Smeir u Salvatore Delucca.

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, disa mija, tmienja u tletin ewro u hamsa u disghin centezmu (€1,938.95) minghand il-konvenuti solidalment bejniethom, bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2828/10 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, huma ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fejn is-sorte gie ridott ghall-ammont ta’ elf, erba mija u tmienja u tletin ewro (€1,438.00).

Ra n-nota ta’ ammissjoni pprezentata mill-konvenuti

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuti jhallsu solidalment bejniethom lis-socjeta’ attrici, s-somma kif ridotta ta’ elf, erba mija u tmienja u tletin ewro (€1,438.00), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------